Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 06/2020

**Il-Ħamis 28 ta' Mejju, 2020**

Abbażi ta' Ċirkulari 3/2020 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali Pembroke ma iltaqax fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, iżda l-membri għamlu użu mit-Teknoloġija tal-Informatika biex il-laqgħa saret virtwalment fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Désirée Vella Brincat – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 06.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

06.1.1. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda apoloġija.

## 06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 05/K8/2020.

06.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 05/K8/2020 kif ippreżentati.

06.2.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

06.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/1678/20/I** Email mingħand il-Padel Club jitolbu li jingħataw bandiera tal-lokal biex tiġi mdendla fil-club biswit il-bnadar internazzjonali li għandhom.

06.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1678/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill jaċċetta din it-talba u għalhekk għandhom jiġu ordnata numru ta' bnadar għaż-żamma mill-Kunsill għal skopijiet simili għat-talba msemmija. Il-kelliem irrimarka li s-suġġett biex jintgħażel fornitur ser jiġi diskuss aktar tard fil-laqgħa kwantu tal-kwotazzjonijiet miġbura.

06.3.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

06.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1765/20/I**
**46/1932/20/I** Email mingħand is-sur Stephen Saliba, jirrakkomanda li mal-installazzjoni artistika li ġiet installata fil-picnic area, isir xi tip ta' dawl fuqha.

06.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1765/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill jikkomunika din it-talba lill-kuntrattur tal-Kunsill tad-dawl sabiex jara x'soluzzjonijiet jista` jkun hemm, inkluż dawl b'enerġija alternattiva, bil-ħsieb li fejn hu possibbli din it-talba tiġi akkomodata.

06.3.5 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

06.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1813/20/I** Email mingħand SixthEnergyMalta dwar rapport li għamlu għan-nom tal-DGL dwar Performance Report għas-sena 2019 fuq il-Kunsilli Lokali

06.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1813/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill jieħu konjizzjoni tal-konklużjonijiet. Il-kelliem irrimarka li hemm diversi punti msemmija fir-rapport partikolarment dawk li kellhom x'jaqsmu mal-indafa pubblika u l-ġbir tal-iskart, inkluż dak riċiklabbli u

organiku kienu sodisfaċenti, u oħrajn, partikolarment dak relatat mal-manutenzjoni tat-toroq u dak l'issejjaħ bħala dumping jeħtieġu kjarifika peress li l-Kunsill ma jħossx li dan jirrifletti l-istat attwali tal-lokalità. Għaldaqstant, wieħed jistenna tweġiba dwar x'wassal sabiex ġie rifless mod ieħor fil-konklużjoni tar-rapport.

06.3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa prova jikseb aktar informazzjoni, fejn anke intbagħtet korrispondenza relatata, iżda ma kienx hemm ir-rispons mixtieq, għajr li ż-żoni tal-White Rocks u l-AFM, ma kienux inklużа fir-rapport.

06.3.9 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

06.3.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1838/20/O** Kopja ta' korrispondenza lid-DLG dwar il-każ ta' żamma u manutenzjoni ta' Triq Emmanuel Decelis li tinsab fil-konfini tal-Kunsill Lokali San Ġiljan, għalkemm ir-residenti huma kollha irreġistrata fuq Pembroke.

06.3.11 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1838/20/O** fejn informa lill-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg attenda laqgħa virtwali flimkien ma rappreżentanti tad-Dipartiment dwar il-materja, f'liema laqgħa l-istess Dipartiment ikkontenda li filwaqt li jifhem is-sitwazzjoni, huwa diffiċli u ambigwa li l-Kunsill jinsab fiha, huwa legalment preklużi li jagħti fondi għaż-żamma u manutenzjoni ta' triq lil Kunsill, liema triq tkun tinsab fil-konfini ta' lokalità oħra. Il-kelliem irrimarka li min-naħa tiegħu il-Kunsill Lokali San Ġiljan tenna li l-istess Kunsill Lokali fil-fatt jagħmel diversi xogħlijiet f'din it-triq u f'kull każ hija prerogattiva tiegħu kemm u meta jagħmel dawn ix-xogħlijiet. Il-kelliem irrimarka li min-naħa l-oħra saħaq li f'każ li l-Kunsill Lokali jixtieq li jiġu emendati l-konfini, l-istess Kunsill Lokali San Ġiljan ma jsib l-ebda oġġezzjoni li dan iseħħ purche` li l-emenda tal-konfini ma taffettwa l-ebda parti miż-żona ta' San Ġorġ u allura l-lukandi kif ukoll Triq il-Profs. Walter Ganado, hekk kif kienet tgħid it-talba li l-Kunsill kien ressaq quddiem il-Kummissjoni Elettorali, in linea mal-istorja tal-lokalità. Fid-dawl ta' dan il-Kunsill saħaq li l-Kunsill Lokali San Ġiljan, għalkemm wera ċertu reżistenza, iżomm kuntatt mal-Kunsill jekk u meta jingħaddu lilhom ilmenti dwar it-triq – dan sabiex il-Kunsill ikun mgħarraf jekk, u liema xogħlijiet ikunu effettivament saru fl-istess triq, kif l-istess Kunsill Lokali San Ġiljan insista li saru matul is-snin. Il-kelliem ippropona li r-residenti konċernata għandhom jiġu nfurmat b'dan.

06.3.12 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

06.3.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1842/20/I** Stima mingħand il-kuntrattur MicaMed Ltd. għall-provvista ta' 2 lampi dekorattivi għall-fuq il-bejt tal-latrina ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

06.3.14 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1842/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din in-nefqa.

06.3.15 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

06.3.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1922/20/I** Email mingħand JUGS Malta jistaqsu għall-permess tal-Kunsill biex bejn l-10 u l-11 ta' April 2021 jorganizzaw f'Malta tappa ta' Tough Mudder Malta.

06.3.17 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1922/20/I** fejn informa lill-Kunsill li din l-attività hija waħda rinomata b'fama mondjali u li għandu jkun kburi l-Kunsill, f'każ li jaċċetta li jospita l-istess avveniment. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba, sintendi bil-kawteli kollha neċessarji inkluż l-assikurazzjoni, tindif, tobba on site u miżuri preventivi oħrajn li solitament jiġu ikkunsidrati f'attivitajiet simili fil-madwar.

06.3.18 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

06.3.19 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1941/20/I** Email mingħand resident dwar l-istat tal-bankina fi Triq Patri A Tonna Barthet kantuniera ma' Triq Mons. L. Mifsud Tommasi.

06.3.20 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1941/20/I** fejn informa lill-Kunsill li kien tkellem mar-resident in kwistjoni fejn ukoll intalab jibgħat ritratti għall-informazzjoni tal-Kunsill. Il-kelliem irrimarka li mill-istess ritratti jidher li l-istat tal-bankina huwa wieħed inaċċettabbli u għalhekk ippropona li huwa fl-interess anke tal-Kunsill li l-wiċċ tal-istess parti tal-bankina jiġi irranġat b'mod immedjat.

06.3.21 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

06.3.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

06.3.23 Is-Sindku Dean Hili ippropona li sal-laqgħa li jmiss il-Kunsill għandu jikkunsidra li jibda xogħol fuq upgrading ta' bankini oħra fil-lokal.

06.3.24 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

06.3.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1949/20/I** Update tad-dokument tal-GDPR.

06.3.26 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1949/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jilqa` l-konklużjoni u jattwahom bla telf ta' ħin.

06.3.27 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

06.3.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1957/20/I** Email mingħand l-AKL bil-formoli t'applikazzjonijiet għal-epos tal-BOV.

06.3.29 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1957/20/I** fejn informa lill-Kunsill li għalkemm il-Kunsill għandu jħares lejn modi differenti kif jieħu l-Kunsill 'l quddiem bl-użu tat-teknoloġija, il-prattiċi finanzjarji tal-Kunsilli u l-fatt li l-istess Kunsill jiġbor ħlasijiet għal diversi entitajiet jagħmlu l-użu tal-facilita`, li sintendi tikkontempla ħlasijiet fl-akkont tal-istess Kunsill, wieħed diffiċli, u talab diskussjoni dwar dan.

06.3.30 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill, li l-Kunsill ma jistax jirċievi flus ta' terzi fil-kontijiet bankarja attestata lill-Kunsill. Apparti minn dan irrimarka wkoll li jekk il-Kunsill ser jirċievi pagamenti permezz tal-epos, dan ser ikun qed ħallas miżata lill-Bank, u għalhekk apparti li jkun qed jagħti servizz lil dik l-entita' partikulari, ser ikollu jħallas ukoll il-miżati dovuta tal-Bank. Huwa għalhekk irrakkomanda lill-Kunsill li tali sistema tiġi mistħarrġa jekk kemm il-darba jkun hemm direzzjoni mid-DGL kif ukoll konferma li l-entitajiet konċernata jaċċettaw li jkopru l-ispejjeż relatata.

06.3.31 Fid-dawl ta' dan is-Sindku Dean Hili ippropona li f'dan l-istadju l-Kunsill ma jistax jidħol għaliha qabel tkun vijabbli.

06.3.32 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

06.3.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

06.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 06.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

06.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 15/2020** - Lista ta' kwotazzjonijiet għall-provvista ta' bnadar (Malta, Wales, Pembroke, Pembroke - Wales) **(Dok. 1)**
- **Internal Memo 16/2020** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 04/K8/20 u 05/K8/20 **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 17/2020** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 05/K8/20 u 06/K8/20 **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 18/2020** – Rapport dwar tneħħija t'assi tal-Kunsill **(Dok. 4)**

06.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal **Internal Memo 15/2020** dwar kwotazzjonijiet għall-provvista ta' bnadar fejn ippropona li tintgħażel l-irħas offerta relatata ma' bnadar meħjuta u mhux printjata.

06.5.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

06.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

06.5.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal **Internal Memo 16/2020** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

06.5.6 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

06.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06.6 Konċessjoni ta' żamma u manutenzjoni t'art fi Triq il-Battalja ta' Malta.

06.6.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza 46/1668/20/I, fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li r-resident konċernat jindokra għas-spejjeż tiegħu biċċa art li hemm bejn Triq il-Battalja ta' Malta u Triq ir-Reġimenti Maltin, liema konċessjoni qed tingħata mingħajr ebda dritt ta' titlu jew pretenzjoni. Il-kelliem irrimarka wkoll li r-resident in kwistjoni għandu jitfakkar li s-sit huwa proprju quddiem binja residenzjali u għaldaqstant dak li jinżera` fl-istess sit għandu jirrispetta dan il-fatt u jara li jinżergħu biss xitel jew fjuri.

06.6.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

06.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06.7 PA 3302/20 - Proposed installation of LED billboard.

06.7.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-PA 3302/20 fejn ippropona li l-PA għandhom jintalbu jikkunsidraw l-impatt viżiv li tali billboard jista' ikollu fuq il-binjiet skedata li hemm fl-isfond tal-istruttura proposta, dan apparti l-fatt ukoll li s-sit magħżul għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-fatt illi s-sit in kwistjoni fi ftit tax-xhur oħra ser ikun qed jara attività kbira hekk kif il-junction li fil-preżent għaddej ix-xogħol fuqha, tkun miftuħa għat-traffiku.

06.7.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

06.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06.8 PA 3346/20 - To sanction temporary tent structure and Class 4C sports/nursery related bar at Pembroke Athleta Sports Club.

06.8.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-PA 3346/20 fejn ippropona li l-Kunsill jirreġistra l-oġġezzjoni tiegħu fid-dawl tal-fatt illi tinda min-natura tagħha temporanja fl-ebda eventwalita` ma tista` tittrasforma ruħha f'waħda permanenti, dan fid-dawl tal-fatt illi l-Klabb diġa għandu binja għall-użu ta' restaurant u li f'każ li din it-tinda tiġi sanzjonata, ser jitkompla l-inkonvenjent li spiss kien jasal għand il-Kunsill ta' storbju eċċessiv minn struttura li min-natura tagħha hija diffiċli li tikkontjeni l-istorbju. Il-kelliem irrimarka wkoll li min-naħa l-oħra ma jistax ma jiġix irrimarkat li tinda fl-akwata, tkompli tkerrah id-dehra tal-madwar u iżżid ma dak li jitqies bħala clutter u eyesore fl-akwata. Dan apparti l-fatt ukoll li bar f'tinda qatt ma jista' ikun sound proof minħabba li hija tal-inċirata.

06.8.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

06.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06.9 PA 3807/17 - Proposed City Centre multi-use development, including excavation of former ITS site & Wesghet Lewis V. Farrugia/Wesghet George Portanier, demolition of modern structures, sanctioning of partly demolished non-scheduled building, retention of Grade 2 scheduled buildings and Cold War substation, construction of a 5 Star Hotel (414 rooms) Class 3B, 140 residences, commercial office space (Class 4A), shopping mall (Class 4B) and restaurants (Class 4C and 4D) and basement car park. The proposal also includes the retention and integration of Grade 2 military blocks, Cold War substation and integration of other existing structures.

06.9.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza 46/1916/20/O vis-a-vis PA 3807/17 fejn ippropona li l-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis 4 ta' Ġunju fis-2:00pm dwar dan is-suġġett.

06.9.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda u żied li l-iżviluppatur għandu jforni lill-Kunsill pjanta ta kif ser jidher il-lanscaping minn naħa tar-resident, u dan skond kif ġie diskuss miegħu fl-aħħar laqgħa.

06.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06.10 Tiġdid ta' diversi kuntratti tal-Kunsill.

- Tender 2017/03 - Repairs and Reconstruction of Roads (31/12/2020)
- Tender 2017/04 - Supply and Upkeep of Traffic Signs (31/12/2020)
- Tender 2017/05 - Christmas street light decorative motifs & string lights (30/11/2020)
- Tender 2018/04 - Upkeep Maintenance of Parks Gardens (11/11/2020)
- Kwotazzjoni - PLC/K/03/2018 - Cash Collection (31/05/2020)
- Kwotazzjoni - PLC/K/10/2018 - Polza t'Assikurazzjoni (31/10/2020)
- Kwotazzjoni - PLC/K/01/2019 - Maid services (30/06/2020)

06.10.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal-Tender 2017/03, Tender 2017/04, Tender 2017/05, Tender 2018/04, Kwotazzjoni - PLC/K/10/2018, Kwotazzjoni - PLC/K/01/2019 u Kwotazzjoni - PLC/K/03/2018, fejn ippropona li dawn għandhom kollha jiġu estiża b'sena oħra.

06.10.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

06.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06.11 Ħruġ t'espressjoni t'interess.

- EoI - Professional Services of Junior Science Club Animators

06.11.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill joħroġ sejħa t'interess biex skond ir-rekwiżiti taċ-Ċentru tax-Xjenza, tiġi ingaġġata persuna biex tmexxi u timmaniġġja l-Junior Science Club 2020/21. Dan wara li s-sur Buttigieg

informa lill-Kunsill li minħabba impenji oħra mhux f'pożizzjoni li jġedded il-kuntratt. (46/1801/20/I)

06.11.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

06.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06.12 SPI/SCI/09/2019 - C CARE Project - Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunità.

06.12.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-Minuti 01/K8/2020 item 01.14.1 fejn b'referenza għall-korrispondenza **46/0110/20/I** kien irrimarka l'issa li l-Kunsill kien iffirma l-kuntratt għall-grant, u diġa rċieva l-ammont ta' €4,000, wara diskussjoni li kellu mas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, il-passi li jmiss huma:

- Jiġi identifikat is-sit fejn ser titpoġġa l-istruttura tal-qtates, inkluż min ser ikollu aċċess għaliha,
- Jiġi provdut lill-uffiċċju amministrattiv l-ispeċifikazzjonijiet neċessarja biex ikun jista' jiġi ifformulat id-dokument tal-offerti għal din l-istruttura,
- Jiġi identifikat minn qabel min u kif ser tiġi amministrata din l-istruttura inkluż iż-żamma u l-manutenzjoni tagħha,
- Jiġi identifikat u deċiż xi proċess ser jagħmel il-Kunsill biex jiġi assigurat li ser jintlaħqu l-feeders kollha li hawn fil-lokal,
- Jiġi identifikat xi proċess ser jintuża dwar il-vouchers, kif ser titħaddem, kif ser jinxtraw, kif ser jiġi rikonċiljata, kif ser jinqasam l-ammont, ect,
- Dwar il-gaġeġ u strutturi oħra, hawn ukoll irid jiġi provdut lill-uffiċċju amministrattiv l-ispeċifikazzjonijiet biex ikun jista' jiġi ifformulat id-dokument tal-offerti,
- Jiġi identifikat minn qabel min u kif ser jiġu amministrata dawn l-istrutturi inkluż iż-żamma u l-manutenzjoni tagħhom,
- Jiġi provdut lill-uffiċċju amministrattiv l-ispeċifikazzjonijiet biex ikun jista' jiġi ifformulat id-dokument tal-offerti vis-a-vis is-servizz tal-veterinarji.

06.12.2 Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-membri preżenti speċjalment tal-Kunsillier Désirée Vella Brincat li hija responsabbli minn dan id-dekasteru, ġiet mistiedna telabora.

06.12.3 Wara diskussjoni li saret il-Kunsillier Désirée Vella Brincat ipproponiet l'isir avviż fuq il-midja soċjali tal-Kunsill biex tinġabar lista ta' feeders u eventwalment issir laqgħa għalihom.

06.12.4 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

06.12.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

**06.12.6** ***Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat talbet li tiġi skużata u ħalliet il-laqgħa fis-7:00pm.***

## 06.13 Arti fil-beraħ mal-ħajt fi Triq Camillo Sceberras.

06.13.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal-diskussjoni li kellu m'artist li jagħmel arti ma' ħitan pubbliċi fejn ippropona li l-Kunsill ipoġġi għad-dispożizzjoni tal-artist Justin Bonnici, il-ħajt li hemm fi Triq Camillo Sceberras biswit il-binja tal-MUSEUM. Il-kelliem ippropona wkoll li għal dan il-proġett il-Kunsill tentattivament għandu jalloka s-somma ta' €2,000 u s-suġġett għandu jkollu tema ambjentali, sportiva, edukattiva u scouts.

06.13.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

06.13.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06.14 Provvista ta' materjal għall-kommunikazzjoni interattiva.

06.14.1 Is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab.

06.14.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza 46/1675/20/I fejn ippropona li l-Kunsill għandu javvanza l-infrastruttura teknoloġika biex ikunu jistgħu isiru remote meetings.

06.14.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

06.14.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

06.14.5 Is-Sindku Dean Hili ippropona li jinxtara laptop ġdid għall-użu tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

06.14.6 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

06.14.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06.15 Rimi ta' assi antiki.

06.15.1 Is-Sindku Dean Hili, b'żieda mar-rapport approvat fil-laqgħa li għaddiet, ippreżenta rapport b'lista oħra t'assi li huma antiki u li ukoll il-Kunsill għandu jiddisponi minnhom. **(Dok. 4)** Il-kelliem ippropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat.

06.15.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

06.15.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

06.16.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 5 u 6)**

06.16.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

06.16.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

06.16.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06.17 Mozzjonijiet.

06.17.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għal-item li kien imiss.

## 06.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

06.18.1 Il-laqgħa ntemmet fl-19:10pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 4 ta' Ġunju 2020 fis-2:00pm biex jiġi diskuss il-proġett db City Centre, u sussegwentament il-laqgħa li jkun imiss issir nhar il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2020 fis-2:00pm.

Konfermati, illum 25 ta' Ġunju, 2020

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Internal Memo Referenza 15/2020** **27 ta' Mejju 2020**

# Kwotazzjonijiet għall-provvista ta' bnadar

Inġabru kwotazzjonijiet għall-provvista ta' bnadar.






| | | Malta | Wales | Pembroke (Malta) | Pembroke (Wales) |
|---|---|---|---|---|---|
| **Gauci Borda & Co. Ltd.** 240, Msida Road, Yacht Marina, Gżira, GŻR1400 | Printed | 26.99 | 63.01 | 141.60 | 141.60 |
| | Embroided | 27.00 | 60.00 | 60.00 | 56.00 |
| **Print Right Ltd.** Industry Road, Qormi, QRM3000 | Printed | 17.70 | 17.70 | 17.70 | 17.70 |
| **Charles Schembri Decorative Ropes** Romantica Triq Daniel Callus Ħaż-Żebbuġ, ŻBĠ 1110 | Printed | 424.80 (5 flags each) | | | |
| **Flying Colours Flagmaker** The Flag Room 1-4 Orchard Court North Yorkshire | Printed | 23.43 | | | |
| | Logo printed and stiched | 72.52 | 81.44 | 88.14 | 75.86 |
| **Gozoflags** | Embroided | 700.00 (5 flags each) | | | |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċirkolata lill-Kunsilliera**

Sindku : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
Kunsilliera : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Internal Memo Referenza 16/2020** **28 ta' Mejju 2020**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 05/K8/20 u 06/K8/20

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 55 | 2020 | Mica Med | Tinbidel floodlight u belisha fi Triq Camillo Sceberras Z004. |
| 56 | 2020 | Mica Med | Lampa W013 li tinsab fi Triq Manuel Buhagiar |
| 57 | 2020 | All Locks | Jiġi irranġat l-lock tal-bieb ta' reception |
| 58 | 2020 | Mica Med | Lampa W164 fi Triq l-Imħallef William Harding ma' Blokk 7 n-naħa ta' lemin |
| 59 | 2020 | Mica Med | 2 in no arbli mudell Avenida 3mtr għall-prezz ta' €987.00 eskluż il-vat il-wieħed<br><br>2 in no lanterni Villa A għall-prezz ta' €614.00 eskluż il-vat il-wieħed |
| 60 | 2020 | Mica Med | Lampa W121 fi Triq Antoine de Favray fejn Blk 2 |
| 61 | 2020 | B. Grima and Sons | Tissupplixxi u twaħħal mera fi Triq Mons. L. Mifsud Tommasi kantuniera ma' Triq Patri A. Tonna Barthet u ldawwar il-mera li hemm fi Triq Patri A. Tonna Barthet kantuniera ma' Misraħ il-Paċi |
| 62 | 2020 | Mica Med | Lampa li tinsab fi Triq Patri Indri Vella bejn dar no 18 u 20 |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Internal Memo Referenza 17/2020** **28 ta' Mejju 2020**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 05/K8/20 u 06/K8/20

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 30/04/20 | Laqgħa tal-Kunsill 04/K8/2020 | Online | Dean Hili<br>Omar Elaref Arab<br>Charles Cesare<br>Raymond Lanzon<br>Kevin Borg |
| 15/05/20 | Laqgħa tas-sur Silvio Debono ta' db Group dwar il-proġett City Centre | Pembroke u Online | Dean Hili<br>Omar Elaref Arab<br>Charles Cesare<br>Désirée Vella Brincat<br>Raymond Lanzon<br>Kevin Borg<br>Db Group |
| 18/05/20 | Żamma u manutenzjoni ta' Triq Emmanuel Decelis | Online | Dean Hili<br>Kevin Borg<br>Kunsill Lokali San Ġiljan<br>DLG |
| 26/05/20 | Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana | Online | Omar Arab |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

Sindku : Avv. Dean Hili Viċi Sindku : Omar Elaref Arab
Kunsilliera : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Internal Memo Referenza 18/2020** **28 ta' Mejju 2020**

# Tneħħija t'assi tal-Kunsill

Fuq rakkomandazzjoni tal-Awdituri sar proċess biex jitneħħew assi li m'għadhomx jintużaw jew li maż-żmien ġew bla valur.

| Asset | Description | Purchase date | Purchase price | Book value |
|---|---|---|---|---|
| COMP070 | Compaq Computer | 01/04/2003 | 1,000.00 | 0.00 |
| COMP071 | Compaq Computer | 01/04/2003 | 1,000.00 | 0.00 |
| COMP004 | Electric Fridge | 01/01/1994 | 251.56 | 0.00 |
| COMP083 | MSI Hetis computer - Mayor | 30/09/2008 | 799.00 | 0.00 |
| COMP084 | MSI Hetis computer - Councillors | 30/09/2008 | 799.00 | 0.00 |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE